# O RADJO

Iġġibli, meta rrid, f'leħħa ta' berqa
minn l-ibgħad artijiet l-ilħna ta' ħuti,
u nisma' bħal imsaħħar
lil kull wieħed fi lsienu:
Iġġibli d-daqq u l-għana
li Wagner u Gounod, Ponchielli u Gomez
nisġu flimkien u fissru
kif fl-imħabba w fil-għira,
fil-ferħ u fin-niket,
fil-mistrieħ u fil-ħidma,
tintiseġ tal-bnedmin il-ħajja msejkna.

Meta fil-beraħ
tgħaddi r-reżħa xitwija
u ċ-ċirċ iraxxax fuq iż-żġieġ tat-twieqi;
u fid-dalma tal-lejl
tara jiġri fil-bogħ'd ix-xrar tal-beraq,
kemm hu sabiħ tinġabar
fil-kenn tad-dar, ma' dawk li tûl ħajjitna
tgħallimna ngħożżu bħala biċċa min'na,
u tagħżel,
fuq ix-xejra ta' qalbek u ta' moħħok,
minn belt qariba, jew minn oħra mwarba,
il-kant li jsabbrek, jew id-daqq li jferrħek!
f'dik is-sətra kennija
tibda ġrajja l'hi minnha w donnha ħolma:
qisu milqut minn seħer,
jixgħel il-ħsieb u jaħrab
bħala xrara minn żnied;
jgħaddi ibħra w muntanji,
wileġ, widien, għadajjar,
u jilmaħ,
f'dehra ta' ġmiel barrani,
nies oħra—ħienja taħt xi sema safi,
ħelu bil-kwiekeb u bid-dawl ta' qamar—
ħiemda, mitlufa
fil-kant li f'darek qiegħed jgħaxxaq lilek.

Għalhekk issaħħart jiena,
meta smajtek, o Radjo, l-ewwel darba.
Ħaġa kbira w sabiħa
tixħet, hekk kif titħaddet,
kelma mad-dinja u ssib fid-dinja kollha
widnejn li jisimgħuha
fil-waqt li inti tgħidha!

Mhux għalhekk, iżda, o Radjo,
ħabbejtek jiena:
waħda wara l-oħra
jidhru l-ħwejjeġ moħbija
li Alla satar fil-ħolkien tal-għaġeb,
u tgħaġġibni kull waħda,
u kull waħda turini
illi t-tmiem għad idum,
għaliex bla tarf il-medda
tat-trîqat tiegħu.

Imm'inti, o Radjo, tajtni
il-ħjiel kif Alla minn l-għamara tiegħu
jisma' t-talba ta' wliedu
imxerrda l'hawn u l'hinn fuq din id-dinja,
u forsi f'dinjiet oħra:
tajtni ħjiel kif jasallu,
ma' l-għana tal-ħenjin, il-lfiq u l-biki
ta' min forsi bla ħtija
qiegħed jarfa' salib akbar minn ħiltu.
Fuq ħsiebi
tfajtli dija tas-sema,
ġe' qalbi
wettaqtli tama li ma tmutx fil-qabar:
għalhekk ħabbejtek jiena,
o Radjo.

13—9—31

Dun Karm